MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**LAWRENCE QUINTANO**

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2012

Appell Kriminali Numru. 400/2011

**Il-Pulizija**
**(Spt. Tony Cachia)**
**Vs**
**Nicholas Mifsud**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant detentur tal-karta tal-identita` numru 628053(M), quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fl-20 ta' Awissu, 2005 u/jew fil-granet ta' qabel f'Haz-Zebbug :

1. bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, fixxkel lil Philip Mifsud fil-pussess ta' hwejgu jew b'xi mod iehor, indahal fi hwejjeg haddiehor u dan billi biddel is-serratura tal-fon 29, Misrah Muxi, Zebbug, u/jew impedixxa lill-istess Philip Mifsud access ghal imsemmi fond u dan meta ghandu dritt li jibqa` jgawdi l-istess fond skond testment

tal-genituri taghhom tas-6 ta’ Marzu, 1973 fl-Atti tan-Nutar Philip Saliba.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 ta’ Settembru, 2011, li biha wara li rat l-artikolu 85(1) tal-Kodici Kriminali sabet lill-appellant hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu u kkundannatu ghal hlas ta’ hames mitt Euro (€500). Rat l-artikolu 85(2) tal-Kodici Kriminali u ordnat lill-appellant li jikkonsenja lill-kwerelanti kopja tac-cavetta tal-fond meritu ta’ din il-kawza fi zmien tmien (8) tijiem. Rat l-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali u kkundannatu li jhallas is-somma ta’ €1047.84 spejjez inkorsi fil-proceduri.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fil-11 ta’ Ottubru, 2011, li bih talab li din il-Qorti joghgobha thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, tiddikjarah mhux hati u tilliberah minn kull imputazzjoni skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravju tal-appellant huwa s-segwenti w cioe':-

L-imputat appellanti gie ingustament meqjus mhux kredibbli.

Il-Perit Legali Dr. Joseph Buttigieg LL.D wasal għall-konklużjoni li l-akkuża kontra l-imputat dwar raggjonfattasi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata proprju fuq il-punt tal-kredibilita` tal-partijiet involuti u cioe` li “*Il-verzjoni tal-imputat dwar kif graw il-fatti ma tnissel ebda affidament”* (paragrafu 19 fol. 9) filwaqt illi *“Il-verzjoni tal-kwerelanti dwar kif graw il-fatti hi totalment konvincenti u tinsab ikkoroborata mix-xhieda u dokumenti”* (para 21 fol. 10).

Il-Perit Legali jattribwixxi din in-nuqqas ta’ kredibilita` lill-imputat appellanti proprju ghaliex f’seduta minnhom (seduta nr. 16 fol. 20) jgħid illi s-serratura kienet inbidlet fuq ordni tal-Qorti u f’seduta sussegwenti (seduta nr. 23

fol. 29) jgħid illi meta inbidlet is-serratura, effettivament minn oħtu Carmen Zerafa ma kien hemm ebda ordni tal-Qorti.

Il-preċiżazzjoni jew korrezzjoni li għamel l-istess esponenti rrendietu b'mod generali mhux kredibbli f'ghajnejn il-Perit Legali, meta fir-realta` għandu jiġi sottomess illi tali referenza fi kliemu "ordni tal-Qorti" fl-ewwel xiehda, kienet biss il-frott ta' impressjoni żbaljata li kellu l-imputat li teżisti tali ordni u mhux li b'xi mod ried iqarraq jew jisvija lill-Ewwel Qorti jew lil Perit Legali.

Il-fatti relatati ma' din l-impressjoni żbaljata (dwar liema fatti l-appellanti jixtieq li tingħata xiehda quddiem din il-Qorti sabiex jigi kjarifikat ezatt x'kellu f'mohhu b'tali kliem "ordni tal-Qorti" huma s-segwenti :

- Sakemm kien ghadu haj missierhom Angelo Mifsud, li miet fl-1989 u li kien jabita fl-istess dar, bintu Carmen Zerafa oħt l-imputat kienet ukoll tabita hemm, kif tixhed fis-seduta nr. 23 tat-23 ta' Ottubru, 2009. Tgħid ukoll li xi gimgħa wara li miet missierha marret toqgħod f'dar oħra ma' żewġha.

- Waqt li kienet toqghod hemm, hija kienet tiehu hsieb it-tindif u t-tisjir a beneficcju ta' familtha, tal-genituri u ta' ħuha Nikol Mifsud, waqt li l-kwerelat Philip Mifsud kien ukoll ghadu jghix hemm.

- Wara l-mewt tal-missier fl-1989, għad li Carmen Zerafa telqet tgħix f'dar oħra, hija xorta baqghet tmur regolarment fl-imsemmija dar biex tkompli it-tisjir u tindif fl-interess tal-imputat ħuha Nikola, kif għada tagħmel sallum u għalhekk għad għandha ċ-ċavetta tal-istess fond.

- Il-kwerelant Philip Mifsud wara l-mewt tal-missier ma riedx li Carmen Zerafa tibqa` tmur fl-imsemmija residenza biex issajjar u tnaddaf għal ħuha l-esponenti u saħansitra f'dan l-isfond ta' intolleranza minn naha ta' Philip Mifsud, mhux darba u tnejn li rrenda ruħu vjolenti fil-konfront ta' Carmen Zerafa u darba anke pogga pala ma' għonq bintha.

- F’dawn iċ-ċirkostanzi, Philip Mifsud f’xi żmien fl-1994, biddel iċ-ċavetta tal-post biex Carmen Zerafa ma tibqax tmur hemm u billi kien ħtiġilha li tirtira xi affarijiet personali li kienet ħalliet hemm miż-żmien li kienet tabita hemm, hija xorta aċċediet fl-istess dar billi ħuha Nikol, imputat fil-kawża odjerna, kien ipprovdielha kopja taċ-ċavetta l-ġdida.

- In segwitu għal dan id-dhul ta’ Carmen Zerafa fl-imsemmi post 29 Misraħ Muxi, Ħaż-ebbuġ, ittieħdu proċeduri kriminali kontra tagħha, fuq ilment ta’ Philip Mifsud, quddiem il-Qorti tal-Magistrati bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali f’Mejju 1995 u anke kontra żewġha Emanuel, ghar-reat fost ohrajn ta’ “raggjonfattasi”, kif jirriżulta mill-anness kopja tal-komparixxi u sentenza Dok CZ.

- F’din il-kawza istitwita kontra Carmen Zerafa u żewgha, r-ragel gie lliberat minn kollox, filwaqt li Carmen Zerafa instabet hatja biss fuq it-tielet akkuza dwar tgħajjir u insulti.

Il-liberazzjoni mill-imputazzjoni ta’ “raggjonfattasi” seħħet għaliex qabel ma dahlet fid-dar, Carmen Zerafa ġia preċedentement kellha access ghall-post bic-cavetta ta’ qabel u dan sa minn zmien missierha, u kien proprju Philip Mifsud li semmai wettaq ir-reat ta’ “raggjonfattasi” fil-konfront taghha meta biddel ic-cavetta.

Jigi umilment sottomess li din is-sentenza (li f’certu sens tat ragun lil Carmen Zerafa, oht l-imputat odjern, cioe` li ma tqisitx li dahlet fid-dar abbuzivament ghal liema raguni baqghet sal-lum bl-imsemmi access), giet zbaljatament izda komprensibilment mifhuma minn persuna mhux legali, kif inhu l-imputat, li setghet tekwivali jew tammonta ghal xi ordni tal-Qorti sabiex tinbidel is-serratura mertu tal-kawza odjerna.

Dan mhux qed jingħad fis-sens li t-tibdil tas-serratura kien motivat minn din l-impressjoni dwar l-ezistenza ta' "ordni tal-Qorti", izda qed jinghad biss fil-kuntest tal-kredibilita` o meno tal-appellanti. Ir-ragunijiet għat-tibdil tas-serratura huma spjegati 'lquddiem.

L-ewwel affermazzjoni tieghu li kien hemm ordni ta' Qorti ghal bdil fis-serratura, li mbaghad giet irtirata f'seduta wara, ma tfissirx li l-appellant kien qed jigdeb, izda sempliciment li ha zball genwin bl-impressjoni li kellu dwar is-sinifikat tas-sentenza li kienet illiberat lil oħtu mir-reat ta' raggjonfattasi u konsegwentement baqghet bl-access ghall-post.

Ghalhekk tali korrezzjoni sussegwenti fix-xiehda tieghu ma kellha twassal ghal ebda nuqqas ta' kredibilita` fl-imputat, kif ikkonkluda bir-rispett kollu minghajr gustifikazzjoni l-istess Perit Legali.

Apparti l-punt tal-bdil fis-serratura li sehh minn Carmen Zerafa, oht l-imputat u li l-imputat stess ma opponiex ghar-ragunijiet li jigu spjegati 'l quddiem, punt krucjali ta' din il-kawza huwa jekk Philip Mifsud, il-kwerelant, verament kellux il-pussess ta' dan il-post sakemm sar il-bdil tas-serratura jew effettivament kienx telaq u abbanduna d-dar zmien ilu.

Il-perit relatur jaghti affidament lit-tezi tal-kwerelanti u jghid li :

*"Ghalkemm ghandu razett fejn imur jorqod, ghar-ragunijiet tieghu hu baqa` jzomm il-pussess tad-dar fejn kellu xi ghamara u hwejjeg u kien ukoll juza d-dar biex jinhasel isajjar u jiekol hemm. Kien izomm hwejgu f'kamra mid-dar sa ma nqala t-tilwim preżenti bejn l-aħwa ġuvintur"* (fol. 7 paragrafu 13 tar-relazzjoni).

Dan l-estratt huwa bbazat fuq ix-xiehda mogħtija mill-kwerelant fis-seduta numru 7 tat-22 ta' Ottubru, 2007.

Din ix-xiehda tal-kwerelant ritenuta kredibbli mill-Perit Relatur, hija kontradetta mill-istess Philip Mifsud fis-seduta numru 15 f’pagna 19, meta jghid illi :

*“Għamilt żmien norqod dejjem ir-razzett u dan beda minn ftit wara li miet missieri ......*
*Fir-razzett ghandi s-servizzi kollha”.* Ir-razzett inkwistjoni huwa proprju dak bl-isem “Virtu’ View”, Racecourse Street, Rabat, fejn l-imputat appellanti wkoll jgħid (seduta numru 16 fol. 20) li huh Philip kien ilu li mar joqghod *“....madwar 13-il sena ilu. Xi daqshekk ilu ma jersaq lejn id-dar”.*

Ladarba “ex admissis” Philip Mifsud kien jorqod dejjem ir-razzett minn wara mewt missieru fl-1989, f’liema razzett għandu s-servizzi kollha u ergo` ċertament attrezzat biex jinħasel u jsajjar, mhuwiex kredibbli meta jgħid li kien jinħasel u jsajjar Haz-Zebbug, bhal li kieku l-abitazzjoni tieghu kienet maqsuma bejn ir-Rabat u Haz-Zebbug.

Wara l-mewt tal-missier fl-1989, tidher ferm aktar plawsibbli u kredibbli l-affermazzjoni tal-imputat li l-kwerelant kien telaq hafna snin qabel il-bdil effettiv tas-serratura u cioe` xi tlettax-il sena qabel, kif jixhed l-imputat, anke jekk stess Philip zamm kopja tac-cavetta.

Jigi umilment sottomess li apparti din ix-xiehda li tnizzlet, fl-istess seduta Philip Mifsud stqarr ukoll ghad li ma gietx registrata li kien telaq mill-post inkwistjoni u li ghandu fejn joqghod, kif jistghu jikkonfermaw il-konsulent legali prezenti tal-imputat Dr. Gavin Gulia LL.D u l-istess ufficjal tal-Pulizija prezenti ghall-prosekuzzjoni WPC 99 Josette Pace u l-istess imputat. Din ix-xiehda hawn sottolineata baqghet ma tniżżlitx l-proċess u għalhekk tkun utli l-konferma tagħha quddiem din il-Qorti, mill-imsemmija persuni prezenti.

F’dan l-isfond ta’ tehid ta’ xiehda, l-appellant itenni wkoll li x-xhud Carmen Zerafa, li kienet bdiet tixhed fis-seduta tat-23 ta’ Ottubru 2009, għad illi hemm imniżżel a fol 30 illi ghazlet li ma tkomplix tixhed wara li l-Perit Legali widdibha b’dan id-dritt f’kaz illi “ser titfa` xi htija fuqha nnifisha”, fir-

realta` riedet li tkompli tixhed u ghalhekk bir-rispett jirrizerva li tinghata din l-opportunita` li tixhed quddiem din il-Qorti.

Galadarba kien hemm dan it-tluq definittiv tal-kwerelant u dana tant snin qabel il-bdil effettiv tas-serratura, ma jistax ragjonevolment jitqies li meta inbidlet is-serratura gie imtellef mit-tgawdija tal-post.

Il-kwerelant ma sofra ebda vjolazzjoni tad-drittijiet tieghu u tat-tgawdija, uzu u pussess tal-fond ghaliex kien hu stess li rrilaxxa kompletament tali pussess, snin ilu biex mar joqghod ir-Rabat.

Filwaqt illi Philip Mifsud kien ilu ghal hafna snin li telaq joqghod ir-Rabat, l-unika interess li kellu li jzomm ic-cavetta tal-post, ma kellu x'jaqsam xejn ma xi intenzjoni ta' tgawdija jew uzu tal-post per se.

L-appellant minn twelidu u sal-gurnata tal-lum, minn dejjem baqa` jghix fl-imsemmi post 29 Misrah Muxi, Haz-Zebbug.

Wara t-tluq definittiv ta' Philip Mifsud wara l-mewt ta' missierhom fl-1989, meta l-imputat Nikol ma kienx ikun id-dar izda x-xoghol dak iz-zmien id-Dockyard sal-1996, Philip Mifsud kien japprofitta ruhu mill-assenza ta' Nikol u juza c-cavetta li kien ghad kellu biex jidhol u jgorr kull ma jsib.

Fl-imsemmija dar kien hemm diversi ghodda tar-raba` appartenenti lill-wirt ta' missierhom.  Din l-ghodda kienet tintuza kemm minn Nikol kif ukoll mill-ahwa l-ohra tal-ewwel zwieg ħut Philip, peress illi Ilkoll kienu jaħdmu xi parti minn raba` viċin l-istess dar.

Fost l-affarijiet li ttiehdu u li l-appellant huwa konvintissimu li dawn ittieħdu minn Philip Mifsud kien hemm mutur tal-hart u mutur tal-ilma li jiswew talinqas sitt elef lira Maltin (LM6000).  Kienet anke saret ittra legali lil Philip Mifsud sabiex jirritorna dak kollu li kien ha, qabel ma ssir il-qasma tal-wirt.

Apparti dan il-preġudizzju fi proprjeta`, li l-imputat kien qieghed isofri bl-atti ta' huh, kien hemm ukoll l-okkażjoni tal-1994, fejn assolutament ma riedx illi Carmen Zerafa tibqa` tmur u tnaddaf u ssajjar u rrenda ruhu anke vjolenti fil-konfront taghha u anke ta' bintha li ghamlilha pala ma' għonqha.

Similment fl-istess perjodu kien hemm istanzi fejn Philip Mifsud kien jirreka fl-imsemmija dar u abitazzjoni tal-imputat u kien jisvoga r-rabja tiegħu bi tkissir u tifrik wara li jkun tilef xi flus bil-loghob.

Apparti l-perjodu twil ta' abbandun tad-dar de quo Haz-Zebbug, fl-isfond ta' din l-imgieba tal-kwerelant, li kienet dannegjanti għall-interessi proprjetarji u anke ghas-sigurta` personali tal-imputat appellanti, ghandu japplika l-principju accettat li jirreferi ghalih il-Professur Sir Anthony Mamo dwar ir-reat ta' raggjonfattasi fin-noti tieghu a fol 34 u cioe` illi *"....no offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of possession of others. The maxim "vim vi ripellere licet" applies not only to the repelling of unjust aggression against the person, it extends also to the repelling of any unjust attack against the property when the defence is exercised within the proper limits".*

Għall-istess raguni ta' protezzjoni ta' gidu u persuntu li ghadha tipperduraw sa issa u minħabba l-biza` li jista` jkun hemm repetizzjoni tal-incidenti precedenti, l-kwerelat appellanti kien ġustifikat li ma jagħtix kopja taċ-ċavetta lil Philip Mifsud wara li nbidlet is-serratura.

Ikkonsidrat

L-ewwelnett fir-rikors promotorju hemm referenza għal diversi inċidenti li m'hemm ebda eku tagħhom fil-provi miġbura quddiem il-Qorti tal-Maġistrati Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali. U hemm talba jew talbiet biex jinstemgħu xi xhieda. Bir-rispett kollu għal dawn is-sottomissjonijiet jingħad li s-smigħ tal-provi ħa 29 seduta li bdew fl-20 t'Awwissu 2005. L-aħħar seduta (numru 29)

saret fl-14 t'April, 2010 u fiha l-imputat (appellant) assistit minn Dr Gavin Gulia iddikjara li ma kienx fadallu provi (fol 115).

Iżda wkoll wara din id-data kien hemm żewġ differimenti oħra quddiem il-Qorti u fihom ma saret ebda talba għal xi smigħ ta' xhud.

Ai fini tal-artikolu 424 tal-Kap 9, ebda xhud ġdid ma jista' jinstama' minn din il-Qorti ħlief f'żewġ eċċezzjonijiet imsemmijin mil-liġi li żgur ma japplikawx għall-każ.

Din il-Qorti lanqas ma tista' tieħu konjizzjoni ta' inċidenti msemmija fir-rikors promotorju li ma jirriżultawx bħala provi ġuramentati fil-proċess. 'Quod non est in actis non est in mundo.'

Mill-bqija r-rikors tal-appellant huwa ibbażat fuq apprezzament ta' provi u fuq il-kwistjoni jekk Philip Mifsud kienx telaq il-pussess tal-post.

Primarjament ir-rikorrent jissottometti li l-appellant kien fehem ħażin sentenza fejn oħtu Carmen (xebba Mifsud) kienet illiberata. Huwa kien fehem li kien hemm xi ordni tal-Qorti biex ma tingħatax iċ-ċavetta. Għalhekk, jissottometti bir-rispett, ma kien hemm ebda inkonsistenza bejn dak li l-appellant xehed l-ewwel darba u dak li xehed it-tieni darba fejn talab kjarifka.

Apprezzament tal-provi mill-ġdid.

Il-Qorti reggħet għamlet analiżi tax-xhieda biex tara l-Ewwel Onorabbli Qorti setgħetx tasal għall-konklużjoni tagħha raġjonevolment u legalment.

Philip Mifsud stqarr li huwa ħu l-imputat u li kien ilu joqgħod fil-post minn meta kellu għoxrin sena u baqa'

hemm sa meta nqala' l-inkwiet ma' ħuh. Huwa rrefera għat-testment ta' missieru fejn fir-raba'artikolu ntqal :

'It-testaturi miżżewġin Mifsud iħallu b'titolu ta' prelegat lil dawk minn uliedhom li jkunu xebbiet jew ġuvintur fil-mewt tas-superstiti l-użufrutt tad-dar tal-abitazzjoni tagħhom bl-oġġetti kollha mobile ta' għamara u fajjenza u dana sakemm jibqgħu xebbiet u ġuvintur konġuntivament u suċċessivament bejniethom.' (ara fol 129 tal-proċess).

Philip Mifsud qal li huwa baqa' joqgħod fid-dar in kwistjoni. Huwa għandu razzett fejn iżomm xi vetturi u jorqod hemm ukoll biex jindukrhom. Kull filgħodu jmur id-dar biex jinħasel, isajjar u jiekol qabel ma jmur ix-xogħol. Darba minnhom mar filgħodu u ma setax idaħħal iċ-ċavetta. Induna li kienet inbidlet is-serratura. Kien mar ifittex 'il ħuh u ma sabux. Xi ħames snin qabel huwa kien sab il-bieb ta' kamartu mkisser u l-ħwejjeġ imgerfxin. Kien għamel rapport lill-Pulizija. Imbagħad ġiet oħrtu u għamlet frattarija.

Huwa xorta baqa' jmur kull jum sakemm ġie msakkar barra. Il-kwerela biex il-Pulizija tibda l-proċeduri kien ħadu hu l-għassa.

Dan l-istess xhud kompla jixhed fit-28 ta' Lulju 2008 fejn qal li sakemm sab il-bieb magħluq u ma setax jidħol, il-kontijiet tad-dawl u l-ilma kienu jitħallsu bejni u bejn ħuh. Meta beda jorqod ir-razzett, lil ħuh kien infurmah iżda baqa' jmur id-dar biex jinħasel u jaħsel il-ħwejjeġ sa ma sab iċ-ċavetta mibdula. Qabel ġieli kien imur aktar minn darba kull jum. Huwa kien daħal id-dar sa jum qabel ma sab iċ-ċavetta mibdula.

Fil-kontro-eżami huwa nnega li huwa kien telaq mid-dar u mar jgħix f'post ieħor. Huwa għamel żmien jorqod ir-razzett u ġara hekk għax kellu ġarage fejn idaħħal il-karozza u oħtu kienet talbithulu.

Xehed Savio Borg li ppreżenta kopja mir-reġistri elettorali ta' April 1961, Settembru 1981 u Ottubru 2007 fejn jidher li

Philip Mifsud kien reġistrat bħala residenti 29 Misraħ Muxi Żebbuġ, Malta.

Xehed Joseph Mifsud li jiġi ħu Philip Mifsud u Nicholas Mifsud. Huwa qal li ż-żewġ ħutu kienu ġuvintur u t-tnejn joqogħdu 29 Muxi Square Żebbuġ. Minn dejjem kienu joqogħdu hemm. Philip Mifsud ma jistax jidħol aktar fid-dar għax inbidlet is-serratura. Ħuh Philip kien sabu fil-pjazza Ħaż-Żebbuġ u qallu li ma setax jidħol id-dar għax inbidlet is-serratura. Min-naħa l-oħra ħuh Nicholas ċaħad li kien bidel is-serratura u qal li kienet oħtu u li hu (Nicholas) ma riedx jerġa' jibdilha. **Huwa kien talbu jagħti ċavetta lil Philip iżda Nicholas ma riedx**

Xehed l-imputat minn jeddu fit-23 t'Ottubru 2008. Huwa qal li Philip Mifsud kien ħareġ mid-dar u ħa miegħu l-affarijiet kif ukoll xi għodod. Dan kien ġara xi tlettax-il sena qabel. Huwa ġieli kien jirċievi xi posta tiegħu d-dar u kien jibgħathom il-post office. Oħtu Carmen kienet biddlet is-serratura b'ordni tal-Qorti (fol 100). Kienu għaddew xi sentejn jew tlieta minn meta mar ħuh u ċ-ċavetta ma qablitx. L-ordni tal-Qorti kienet ingħatat dak iż-żmien bejn wieħed u ieħor. Lill-Pulizija wkoll qalilhom li kien sar hekk b'ordni tal-Qorti. Huwa ma setax jaqbad u jagħti ċavetta lil ħuh għax kien hemm l-ordni tal-Qorti.

L-imputat reġa' xehed fit-23 t'Ottubru 2009 u qal li rid jikkjarifika li meta oħtu biddlet is-serratura ma kien hemm l-ebda ordni mill-Qorti. Huwa ma kienx ta kopja taċ-ċavetta lil ħuh.

Xehdet ukoll Carmen Zerafa prodotta mill-imputat li qalet li hija baqgħet toqgħod fil-post sakemm kien għadu ħaj missierha li miet fl-1989. Ġimgħa wara marret toqgħod f'dar oħra ma' żewġha. Hi kienet baqgħet tmur id-dar fejn kien joqgħod missierha, tnaddaf u ssajjar għal ħuha Nikol.

Hawn il-Perit Legali taha avviż illi tista' tagħżel li ma tixhidx jekk ser titfa' ħtija fuqha iżda li jekk ser tixhed trid tgħid il-verita' kollha.

F’dan il-mument ix-xhud għażlet li ma tkomplix tixhed (fol 110).

Wara din is-seduta kienu ffissati seduti oħra għat-12 ta’ Novembru, 2009, 15 ta’ Diċembru 2009, 27 ta’ Jannar 2010, 1 ta’ Marzu 2010, 14 t’April, 2010. Fl-aħħar seduta msemmija, l-imputat iddikjara li ma kellux provi aktar.

Wara l-Qorti tal-Maġistrati tat żewġ differimenti għall-eżami tar-relazzjoni (10 ta’ Novembru 2010, 9 ta’ Marzu 2011). Fl-aħħar seduta l-partijiet qablu li l-kawża tmur għas-sentenza.

Wara li għarblet il-provi kollha l-Qorti tinsab konvinta moralment li l-appellant ma tax ċavetta lil ħuh Philip Mifsud. Meta reġa’ xehed l-appellant fit-23 t’Ottubru 2009, żgur kien jaf is-sitwazzjoni legali iżda xorta ma rriżultax li huwa ta ċ-ċavetta lil ħuh.

Bħala fatti qed issir enfasi fuq kemm hu veru li Philip Mifsud baqa’ jmur d-dar. Id-difiża qed tisħaq li Philip Mifsud għamel żmien twil –issemmew tlettax-il sena – ma jersaq lejn id-dar in kwistjoni.

Iżda l-punt kjavi ta’ din il-kawża huwa jekk Philip MIfusd kellux id-dritt li meta jrid jidħol fid-dar imsemmija u mhux jekk kienx allontana ruħu mid-dar.

Mir-raba’ artikolu tat-testment jirriżulta li kull min kien għadu ma żżewwġx kellu dritt tal-użufrutt tad-dar. Ma nġabet ebdx prova li Philip Mifsud mhux miżżewweġ u lanqas ma nġabet xi prova li Philip Mifsud rrinunzja għall-użufrutt tad-dar.

**Punt ta’ Dritt – L-element tal-artikolu 85 tal-Kap 9.**

L-appellant kien akkużat bir-reat li fil-qasir huwa magħruf bħala 'ragion fattasi' li l-Qorti ser tistħarreġ fil-paragrafi li ġejjin.

'Eżerċizzju
arbitrarju ta'
pretensjonijiet.
*Emendat:*
*XVI. 2006.2.*

**85.** (1*) Kull min, bla ħsieb li jisraq jew li jagħmel ħsara kontra l-liġi, iżda biss biex jeżerċita jedd li jippretendi li għandu, iġiegħel, bl-awtorità tiegħu nnifsu, lil xi ħadd iħallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni, tkun li tkun, jew ifixkel lil xi ħadd fil-pussess ta' ħwejġu, jew iħott bini, jew jikser il-mixi tal-ilma jew jieħu l-ilma għalih, jew b'xi mod ieħor, kontra l-liġi, jindaħal fi ħwejjeġ ħaddieħor, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija minn xahar sa tliet xhur:*

*Iżda, il-qorti tista', fid-diskrezzjoni tagħha, minflok il-piena hawn fuq imsemmija, tagħti l-piena tal-multa.*

*(2) Id-disposizzjonijiet tal-artikolu 377(5) japplikaw f'kull każ ta' sejbien ta' ħtija taħt is-subartikolu (1) u meta l-għemil tal-ħati jkun irriżulta filli persuna oħra tbati spoll il-qorti għandha tapplika d-disposizzjonijiet ta' dak is-subartikolu sabiex tassigura li l-persuna li batiet l-ispoll titqiegħed għal kollox fl-istat ta' qabel ma batiet l-ispoll.*

Il-Qorti sejra tagħmel referenza għall-każ 'Il-Pulizija versus Eileen Said' li kien deċiż mill-Qorti tal-Appell Kriminali (Inferjuri) fid-19 ta' Ġunju 2002 mill-Imħallef Dr J.Galea Debono. Il-Qorti qed tinkludi wkoll referenzi għall-fatti ta' dan il-każ għaliex huma ferm relevanti għall-każ ta' llum.

***'Illi l-appellanti instabet ħatja tar-reat ta' "ragion fattasi" jew dak li jissejjah "the exercise of a pretended right" . Illi din l-azzjoni bazata fuq l-Artikolu***

***85 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta hija speci ta' zona grigja bejn il-kamp civili u dak kriminali , tant li Sir Andrew Jameson meta kien qed jigi abbozzat il-Kodici Penali Malti kien osserva fir-Rapport tieghu fir-rigward li :-***

***"It is doubtful whether acts of this kind would not be better left to the operation of the ordinary civil remedies by way of interdict of or claim for damages....." (Ara Prof. Sir Anthony Mamo - Notes on Criminal Law" (Parti Speciali) Vol. II)***

***Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew magisterjalment migbura fid-definizzjoni analitika moghtija mill-Imhallef W. Harding fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza " Il-Pulizija vs. Giuseppe Bonavia et. " (App.Krim. 14.10.1944 , Vol.XXXII - IV , p.768) u dawn jinkludu :-***

***a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi , u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna .***

***b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt ;***

***c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali ;***

***d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi .***

***Illi kif dejjem gie ritenut element importanti kostituttiv ta' dar-reat hu dak intenzjonali fis-sens li l-agir ta' dak li jkun irid ikun maghmul bil-hsieb li hu qed jezercita dritt li jahseb li ghandu ghad-distinzjoni mir-reati ta' serq jew danni volontarji fuq proprjeta' ta' haddiehor per ezempju . Ghalhekk hemm bzonn li issir indagni fuq il-movent li jkun wassal lill-persuna li ikkommettiet dar-reat biex taghmel dak li ghamlet . L-element materjali invece jikkonsisti filli wiehed jippriva persuna ohra minn xi dritt fuq haga li ghandu id-dgawdija taghha. Ir-reat ma jissussistix meta l-att materjali jikkonsisti fir-retenzjoni ta' pussess li dak li***

***jkun gja ikollu . Hemm bzonn li jkun hemm att pozittiv li jippriva lit-terz , jew ifixklu fil-pussess tal-haga ghax kif jghid il-Carrara (Prog. Parte Speciale Vol.5 para. 2850 :-***

***"L' atto esterno deve privare altro contro sua voglia di un bene che gode . Chi e' nell'attuale godimento di un bene e continua a goderne a dispetto di chi non voglia ; non delinque perche' la legge protegge lo "stato quo" , il quale non puo' variarsi tranne per consenso degli interessati o per decreto della autorita' giudiziale ."***

***Issa fil-kaz in ezami , ma hemmx dubju li Raymond Said kellu id-dritt li jgawdi il-flat de quo la darba kienet ghadha ma saritx separazzjoni bejnu u bejn martu li tassenjalha dan il-post bi proprjeta' jew uzu esklussiv . Lanqas ma kien hemm xi digriet tas-Sekond' Awla jew tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili li jallontanah mill-post de quo "pendente lite" . Illi anki jekk hu intima lill-martu u l-Avukat tagħha li ser imur jghix band' oħra u cioe' fil-villa f' Tal-Ibragg , dan ma setax jigi interpretat li hu kien irrinunzja għall-access tal-flat ta' Birkirkara. Umbagħad anki jekk martu setgħet kienet in buona fede meta ħasbet li dan telaq mil-flat minghajr intenzjoni li jigi lura , u għalhekk ħasset li setgħet tibdel is-serratura ghax forsi ħasbet li żewġha ma kienx ser isib oġġezzjoni ghal dan , meta effettivament zewgha mar id-dar u wera bl-aktar mod car li ried jidhol f'daru, hi ma setgħetx baqgħet in buona fede u hemm żgur li fehmet li bil-fatt li qed tostakolah milli jidħol , kienet qed tfixklu fit-tgawdija tal-istess dar u meta ippersistiet bl-aġir tagħha li tilqgħu u ma tħallihx idhol anki f'okkażjonijiet sussegwenti, anki jekk genwinament ħasbet li kellha dritt tagħmel dan - dritt li fil-fatt ma kellhiex, hija kienet qed tikkommetti ir-reat dedott kontra tagħha u kienet taf li dan kienet qed tagħmlu bid-dissens ta' żewġha.'*** [1]

[1] Ara wkoll 'Il-Pulizija vs Carmel Farrugia deċiża mill-Qorti tal-Appell Kriminali Inferjuri fis-17 ta' Frar 1995 Vol.79 Parti V paġina 1571; Il-Pulizija vs Salvatore Farrugia

**Applikazzjoni tal-liġi għall-fatti.**

Mill-provi jirriżulta li l-appellant ma tax ċavetta tal-post 29 Misraħ Muxi, Żebbuġ meta dan talabhielu wara li kienet inbidlet i-serratura. Minn hawn jirriżulta l-ewwel element.

L-appellant jissottometti lidan għamlu bi dritt għaliex ħuh Philip Mifsud kien allontana ruħu mid-dar. Minn dan jirriżulta t-tieni element.

L-appellant qabad u eskluda 'l ħuh mid-dar billi ma tahx iċ-ċavetta wara l-bdil tas-serratura meta kien jaf li ħuh huwa użufruttwarju daqsu skont it-testment ġaladraba kien għadu ġuvni ( u allura l-użufrutt ma kienx intemm biż-żmien). Barra dan l-appellant ma ħa ebda passi legali biex jara ħuhx kienx 'tilef' l-usufrutt legalment b'xi mod ieħor. Mill-provi jirriżulta li l-aħwa għamlu żmien jgħixu flimkien u għalhekk Philip Mifsud ma kien għamel ebda rinunzja ta' dan il-legat fiż-żmien stipulat, [2]Fi ftit kliem l-appellant qabad u ħa l-liġi b'idejh. Minn dan l-aġir jirriżulta t-tielet element.

Mill-provi ma jirriżultax li talli att jinkwadra f'reat akbar u għalhekk jirriżulta r-raba' element ukoll.

Bħal fil-każ ċitat aktar 'il fuq, m'hemm ebda dubju li Philip Mifsud kellu d-dritt li jidħol mid-dar minħabba d-dispożizzjoni testamentarja. U l-appellant kien jaf li ħuh seta' jiġi f'kull mument imqar jekk il-Qorti taċċetta t-teżi tal-appellant li ħuh kien ilu telaq tlettax-il sena. Mix-xhieda ta' Joseph Mifsud jirriżulta li li meta huwa talab lil Nichola Mifusd jagħti ċavetta lil ħuh, l-appellant ma riedx. Bħal fil-każ ċitat, l-appellant kien jaf li mhux qed iħalli lil ħuh jidħol fid-dar bid-dissens ta' ħuh għax dan ried jidħol. Philip Mifsud wera bl-katr mod ċar li ried jidħol fid-dar li tagħha jgawdi l-użufrutt sakemm huwa jibqa' ġuvni.

---

– Qorti tal-Appell Kriminali 14 ta' Diċembru 1957 Vol XLI.IV.1506; u Il-Pulizija vs Micahel Lungaro – Appell Kriminali - 15 ta' Mejju 2003

[2] 378(d) – Kap 16 non- użu għal tletin sena.

Id-difiża kkwotat lill-Professur Mamo b'approvazzjoni meta dan il-Professur jgħid: 'no offence is committed if the agent has done the act in consequence of the necessity of defending his own possession.' Bir-rispett kollu ma jirriżultax mill-provi li l-appellant kien qed 'jiddefendi l-pussess tiegħu'. Kellu żmien biżżejjed biex jagħmel dan iżda l-appellant għażel li jassenti ruħu ħafna drabi waqt is-smigħ tal-provi tant li l-proċedura twalet minħabba l-assenzi frekwenti tiegħu. Jekk l-appellant ried iġib prova tan-neċessita' li jiddefendi l-pussess tiegħu kien missu ħa ħsieb itella' l-provi.

Il-Qorti għalhekk qed tiċħad l-aggravji kollha tal-appellant. Qed tiddeċiedi li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet legalment u raġjonevolment meta waslet għall-konklużjoni tagħha.

Għalhekk qed tikkonferma s-sentenza mogħtija fil-11 t'Ottubru 2011 fl-ismijniet premessi fl-intier tagħha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------